**207. L-Onor. Joseph Brincat M.P. jipproponi:**

Illi dan il-Parlament jgħaddi mill-istadji kollha u jagħmel liġi l-abbozz hawn anness.

**26.02.1985**

207

ABBOZZ TA' LIGI

msejjah

ATT biex ikompli jemenda l-Kodici Kriminali (Kap 12)

Il-President, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati imlaqqgha f'dan il-Parlament u bl-awtorita' ta' l-istess hareg b'ligi dan li gej:-

1. Dan l-Att jista' jissejjah l-Att tal-1985 li jemenda l-Kodici Kriminali, u ghandu jinqara u jiftiehem haga wahda ma' ~~xxxxxxxx~~ l-istess Kodici Kriminali, hawnhekk imsejjah izjed 'il quddiem "il-ligi principali".

2. Immedjatament wara l-artiklu 82A tal-ligi principali ghandu jidhol l-artiklu gdid li gej:-
"82B. Ic-cittadin ~~xxx~~ li, imqar indirettament, jircievi jew ikollu l-weghda minghand persuna barranija, ghalih jew ghal ohrajn, flus jew utli iehor, jew imqar jaccetta l-weghda dwarhom, bl-iskop li jaghmel attijiet li huma kontra l-interess nazzjonali, jehel meta jinstab hati, kemm-il darba l-att ma jikkostitwix reat aktar gravi, il-piena ta' prigunerija minn tlieta sa ghaxar snin u l-multa minn ~~xxxx~~ hamsin lira sa mitejn u hamsin lira.
(2) L-istess piena tinghata lill-barrani li jwieghed jew jaghti l-flus jew utli iehor.
(3) il-piena msemmija tizdied bi grad meta il-flus jew utli jinghataw jew jigu mwieghda ghall-propaganda permezz tal-istampa jew ix-xandir.

3. Immedjatament wara l-artiklu gdid 82B ghandu jidhol l-artiklu gdid li gej:-
"82C(1) Ic-cittadin li, barra minn Malta, ixerred jew imexxi ghajdut jew ahbarijiet foloz, imkabbra jew malizjuzi fuq l-affarijiet interni ta' Malta b'mod li jnaqqas il-kreddtu jew il-prestigju ta' Malta mal-barrani, jew jaghmel atti li jistghu jaghmlu hsara l-interessi nazzjonali, jehel meta jinstab hati il-piena ta' prigunerija sa hames snin."

4. Immedjatament wara l-artiklu gdid 82C ghandu jidhol l-artiklu gdid li gej:-
"82D(1) Kull min, ming ajr il-permess tal-gvern, jippromovi, iwaqqaf, jorganizza jew imexxi ghaqdiet, socjetajiet jew istitututi ta' natura internazzjonali, jew ferghat taghhom, jehel meta jinstab hati ~~xx~~ il-piena ta' prigunerija sa sitt xhur u l-multa minn hamsin sa mitejn u hamsin lira.
(2) Kull min jiehu sehem f'ghaqdiet, socjetajiet, jew istitututi, jew ferghat taghhom, ta' natura internazzjonali li ma jkollhomx il-permess tal-gvern, jehel meta jinstab hati l-multa minn ghaxar liri sa hamsin lira."

<u>Għanijiet u Raġunijiet</u>

L-Għan ta' l-Abbozz huwa prinċipalment biex fil-Kodiċi Kriminali jidħlu provvedimenti li jidhru meħtieġa fis-Soċjeta' tagħna.

English Version to be submitted.